**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Sarah Magri]**

**vs**

**Eugene Galea**

**Kumpilazzjoni Numru: 552/13**

**Illum, 22 ta' Frar 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Eugene Galea detentur tal-karta tal-identita` numru 572459M akkuzat talli:

Bejn ix-xhur ta' April 2013 u Mejju 2013 x'imkien f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkometta reat peress li ghamel uzu minn computer, b'mod mhux dovut skond it-termini tal-Artikoli 337C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bi hsieb tellef jew naqqas il-gieh ta' l-Ispettur Ramon Mercieca u Mr. Joe Vella, bi kliem, gesti, b'kitba, disinji jew b'xi mod iehor (Kap 9 Art 252).

Nhar il-5 ta' Gunju gewwa l-Ghassa ta' Birkirkara:

1 Iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttuva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq traci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jazgura li r-reat sar;

2 Talli b'qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatti cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna/persuni ohra, bil-

hsieb li b’hekk din il-persuna/persuni tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata/i jew misjuba hatja ta’ reat;

Fis-5 ta’ Gunju 2013 ghall-habta ta’ siegha ta’ wara nofs in-nhar gewwa Triq il-Kbira San Guzepp:

1 Uza kliem ta’ theddid jew insulenta lil Onor. Roderick Galdes (Kap 9 Art 339(e)).

2 Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi uza vjolenza fuq Onor. Roderick Galdes sabiex ma jaghmilx xi haga (Kap 9 Art 251).

3 Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ta fastidju lil Onor. Roderick Galdes jew li bl-imgieba tieghu kien jaf li qed jaghti fastidju lill-istess Roderick Galdes (Kap 9 Art 251A).

4 Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kkaguna biza fuq Onor. Roderick Galdes li ser tintuza li vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta` tieghu (Kap 9 Art 251B)

5 Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bi hsieb tellef jew naqqas il-gieh ta' Onor. Roderick Galdes, bi kliem, gesti, b'kitba, disinji jew b'mod iehor (Kap 9 Art 252).

6 Talli fl-istess msemmija data, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-jiem ta' wara saq l-istess vettura bi traskuragni jew b'mod perikoluz;

7 Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skont il-ligi, tapplika espressament il-piena ta' l-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Onor. Roderick Galdes u l-membri tal-familja tieghu, kif ukoll il-Ministeru ta' l-istess Roderick Galdes li jinsab gewwa Triq il-Kbira

San Guzepp, Hamrun, ir-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artiklu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikolu 337C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
e. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

f. Fl-artikolu 251 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

g. Fl-artikolu 251A(1), (2) u (4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

h. Fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

i. Fl-artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

j. Fl-artikolu 15 tal-Ordinanza tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

k. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u

l. Fl-artikoli 17, 31, 383, 384, 385 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat fejn huwa gie kkundannat ghal reat fis-sena 1986;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi fil-proceduri odjerni l-imputat mar il-Ministeru li jinsab gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera, fejn allegatament kien qed jghajjat u dan sabiex isegwi rapport li kien ghamel dwar trattament mhux xieraq fuq l-annimali. Huwa hu hiereg iltaqa' mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Roderick Galdes fejn allegatament ukoll l-imputat mar vicin tieghu bil-vettura tieghu sabiex ikellmu.

Rat illi fis-6 ta' Gunju 2013 il-Qorti kif diversament presjeduta harget ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat a favur tal-Onor. Roderick Galdes MP u l-membri kollha tal-familja tieghu.

Illi xehed **l-Onorevoli Roderick Galdes** li qal li kien mad-*driver* tieghu qed jipparkjaw quddiem il-Ministeru (Casa Leon) fejn giet karozza *wrong way* u sakret il-karozza tieghu. Dak il-hin l-imputat nizzel it-tieqa u beda jghajjat kontra tieghu, fuq xi investigazzjoni li x-xhud kien ordna xi xahar qabel fuq il-kaz tal-Animal Welfare. Skont ix-xhud l-imputat beda jghidlu li ma hax passi u baqa' jghajjat. Dak il-hin ix-xhud qal li ser igib il-Pulizija u hareg mill-karozza u dahal il-Ministeru. Spejga li l-imputat kien gej min-naha opposta u dawwar il-karozza fuq in-naha l-ohra tat-triq u gie

kwazi jmiss mal-karozza tieghu tant li d-*driver* ma setax jidhol fil-post fejn is-soltu jipparkjaw. Ix-xhud spjega li kien ra lill-imputat ghall-ewwel darba xi xahar qabel meta kien ordna lill-Pulizija jinvestigaw xi abbuzi li setghu sehhu mill-Animal Welfare. L-imputat kien tfacca l-Ministeru u beda jghaddi xi allegazzjonijiet fejn ix-xhud qallu li ser jghaddi l-informazzjoni kollha lill-Pulizija u di fatti ghadda l-informazzjoni lill-Ispettur Ramon Mercieca tal-ALE. Zied li gimghatejn wara rcieva messaggi fuq *facebook* minghand l-imputat fejn filli fahru u filli inbidel it-ton u donnu beda jakkuza lix-xhud li qed jahbi xi evidenza. Ix-xhud ma wegibx pero` qal li dan il-messagg kien qisu ta' theddida. Huwa kkonferma li l-messaggi esebiti bhala Dok. SM6 huma l-messaggi li rcieva minghand l-imputat. Huwa spejga li kien injora l-messaggi pero` wara li sehh l-incident barra l-Ministeru ghaddihom lill-Pulizija ghaliex hass li kien hemm theddida fuqu personali. Safejn jaf ix-xhud, l-imputat kien jahdem l-Animal Welfare. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla.

Riprodott l-Onor. Galdes qal li taht amministrazzjoni ohra l-imputat kien gie tterminat mill-impjieg tieghu fejn l-imputat irrakkontalu li kien gie eskortat mill-bini tal-Animal Welfare mill-

Pulizija dakinhar li kien gie terminat l-impjieg tieghu. Mistoqsi mid-difiza jekk ghandux interess f'dawn il-proceduri, l-Onor. Galdes qal li dan kien kaz izolat u qatt ma rega' kellu kuntatt ma' l-imputat. Zied jghid li huwa lest li jahfer lill-imputat ghaliex qatt ma kellu problemi personali mieghu hlief dakinhar li ghalaq il-vettura tieghu. Qal ukoll is-segwenti kliem: "*ovvjament nixtieq li l-kaz ma jitkompliex fil-konfront tieghu wkoll.*"

Xehed **PS518 Anthony De Giovanni** li qal li fil-5 ta' Gunju 2013 gie infurmat li kien inqala' argument fil-Ministeru tal-Agrikolutra, Sajd u Drittijiet ghall-Annimali. Gie infurmat li kien dahal fil-Ministeru certu Eugene Galea ex haddiem tal-Animal Welfare fejn minn hemm u minn hawn hareg mill-Ministeru wara hafna ghajjat u glied. X'hin hareg inzerta l-karozza tal-Onor. Roderick Galdes. Ix-xhud baghat ghall-imputat li infurmah li kien l-Ghassa ta' Birkirkara ghaliex kien qed jaghmel rapport min-naha tieghu. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla u gharaf ukoll Dok. SM3 bhala r-rapport li hejja hu stess.

Xehdet l-**Ispettur Sarah Magri** li spjegat il-fatti skont ma qalilha l-Onor. Roderick Galdes fejn l-imputat spicca gie ma' genb il-vettura

tieghu u ghalaq it-triq, fejn l-imputat skont xi xhieda dahal il-Ministeru u beda jghajjat minhabba xi ingustizzja. Spjegat li nizlet gewwa l-Ghassa ta' Birkirkara u arrestat lill-imputat u haditu gewwa l-Ghassa tal-Marsa ghal stqarrija. Qalet li l-imputat ikkonsulta ma' Dr. Anthony Cutajar u rrilaxxa stqarrija (Dok. SM4) fejn wiegeb ghad-domandi kollha li sarulu u stqarrija ohra fid-6 ta' Gunju (Dok. SM5). L-Ispettur esebiet CCTV *footage* tal-Ministeru stess li gie immarkat bhala Dok. SM8.

Xehed l-**Ispettur Ramon Mercieca** li qal li l-ewwel darba li kien ra lill-imputat kien fl-4 ta' April 2013 meta baghat ghalih sabiex ikellmu dwar xi allegazzjonijiet li kienu qed isiru gewwa d-Dipartiment tal-Ghammieri. Minn hemmhekk kellem lil diversi persuni u ha 17-il stqarrija. Spjega li wara li kkonsulta mal-Avukat Generali gie deciz li ma kienx hemm fuq hiex jittiehdu passi kriminali. Ix-xhud qal li Eugene Galea dejjem tkellem fuq ghajdut li sema' min-nies u mhux dak li ghex huwa stess jew li ra b'ghajnejh. L-istqarrijiet gew esebiti bhala Dok. RM1 sa RM15. Ix-xhud esebixxa wkoll Dok. RM16 li jikkonsisti f'messagg mibghut mill-imputat lill-Ispettur via *facebook messenger*.

Xehed **Emanuel Farrugia** mill-Animal Welfare li qal li fil-5 ta' Gunju kien fil-Ministeru fejn dahal l-imputat (li huwa gharaf fl-awla) ikellmu u ghamel ftit tal-istorbju. Wara mar fl-ufficcju tieghu u ghalhekk ma ra xejn aktar. Mistoqsi mid-difiza fuq l-attitudni tal-imputat ix-xhud qal li meta kienu jkunu flimkien bhala Animal Welfare Officers dejjem ghamel xoghlu, hadmu flimkien u qatt ma kellu x'igerger fuqu.

Xehed **PC850 Stephen Micallef** li qal li r-rapport esebit a folio 10 tal-process huwa rapport li huwa ha nhar il-5 ta' Gunju 2013 fejn kien qed jirrapporta Eugene Galea (li huwa gharaf fl-awla) fl-Ghassa ta' Birkirkara dwar xi allegazzjonijiet u rapporti foloz (dwar meta gie mkecci, serq ta'*overtime*, krudelta` fuq annimali ecc). L-imputat xtaq jaghti certu dettalji dwar xi stejjer li grawlu izda ma setax jiftakar id-dati.

Xehed **Victor Agius** li qal li dak iz-zmien kien Kap tas-segretarjat u l-ufficju tieghu kien vicin il-*foyer* tal-Ministeru. Qal li sema' hafna ghajjat u storbju fejn hareg jara x'kien qed jigri. Stqarr li sab persuna li kien qed jingurja lis-Segretarju Parlamentari ghaliex skont l-istess persuna s-Segretarju Parlamentari ma kienx qed

jiehu passi. Zied li s-Segretarju Parlamentari ma kienx hemm dak il-hin u x-xhud ipprova jikkalma tali persuna izda ma riedx jaf. Ghalhekk ta ordni biex icemplu l-Pulizija peress li l-affarijiet kienu qed jeskalaw u minn hemmhekk il-persuna koncernata telqet mill-Ministeru. Qal li mbaghad ra incident iktar serju fejn ra lis-Segretarju Parlamentari jipparkja l-karozza u meta gie biex jiftah il-bieba "*dan saq ghal fuqu biex litteralment ma halliehx jiftah il-bieba*." Ix-xhud spjega li l-imputat saq bicca *wrong way* u saq ghal fuqu sabiex ma jkunx jista' jiftah il-bieba. Qal li jiftakar tghajjir fejn imbaghad l-imputat telaq mill-post minn jeddu. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla. Waqt dan kollu x-xhud qal li huwa baqa' fil-*foyer*. Mistoqsi jekk l-imputat hareg mill-vettura tieghu qal li ma jidhirlux li hareg mill-karozza u mistoqsi dwar il-kliem li ntqal bejn l-imputat u s-Segretarju Parlamentari qal li ntqal hafna kliem hazin u akkuzi li mhux jiehu passi.

Xehed **Joe Vella**, Direttur fid-Direttorat tal-Animal Welfare, li qal li l-imputat kien jafu bhala persuna kalma u edukatissima. Maz-zmien pero` nqalghu hafna incidenti fejn l-imputat beda jghajjar lil kulhadd. Gara li Eugene Galea ghamel zewg allegazzjonijiet: wiehed kontra certu Jason Azzopardi u l-iehor kontra Godric

Marsdon. Ix-xhud qal li kellimhom it-tnejn fejn innegaw dak kollu li allega l-imputat.

Xehed ukoll **Dr. Steven Farrugia Sacco** li gie inkarigat sabiex johrog l-i*stills* mis-CD esebit bhala Dok. SM8. L-espert inkarigat esebixxa rapport li gie mmarkat bhala Dok. SFS1.

Bhala provi difiza giet riprodotta l-**Ispettur Sarah Magri** in kontro-ezami fejn qalet li dwar l-akkuza li l-imputat ghamel denunzja ta' reat li jaf li ma sarx ma kinitx hija li investigat dan ir-rapport izda l-Ispettur Ramon Mercieca. Qalet li hija qaghdet fuq dak lil qalilha l-Ispettur Mercieca.

Xehed **Emanuel Buhagiar** li qal li dak iz-zmien kien ufficjal ghat-trattament xieraq tal-annimali fejn kien jiehu hsieb l-ispezzjonijiet u l-kwereli ghall-Qorti. Ix-xhud qal li jiftakar li l-imputat kellu argument ma' ufficjal iehor, Godric Marsdon. Ix-xhud ikkonferma li kellu allegazzjonijiet quddiemu li kienu konfermati minn tliet ufficjali ohra pero` peress li huwa ma ra xejn minn dan ma setax jirrapporta. Huwa qal li dak ix-xoghol huwa tal-Ispetturi ghaliex

huwa ma jinvestigax. Ikkonkluda billi qal li l-imputat kien bniedem tal-affari tieghu.

Xehed **Dr. Mario Spiteri** fejn gharaf il-firma tieghu fuq *statement* a fol. 79. Ftakar li kien hemm allegazzjoni li Godric Marsdon qatel xi annimali minghajr awtorizzazzjoni. L-akkuzi saru minn xi hadd anonimu pero` ma sarux lilu izda lil xi hadd iehor.

Xehed **Joseph Vella** fejn qal li dak iz-zmien kien Direttur ghat-Trattament xieraq tal-annimali. Qal li jaf lill-imputat u jiftakar li wara li ma baqax jahdem mal-Animal Welfare kien ghamel rapport lill-Permanent Secretary fejn qal li Godric Marsdon kien qed iraqqad l-annimali. Ix-xhud qal li qatt ma kellu konferma ta' dan minn tliet ufficjali ohra u apparti minn hekk l-ftehim tieghu mal-Perm. Sec. kien illi Eugene Galea kellu jirrapporta kull haga hazina li seta' jkun hemm. Ix-xhud irrimarka li dak iz-zmien Eugene Galea lanqas biss kien qed jahdem mal-ambulanza. Ikkonferma l-opinjoni tieghu li l-ilment ta' Eugene Galea kien wiehed malizzjuz, tant li ma hax notament ghaliex kien jaf ukoll li wahda mill-akkuzi ma kinitx vera.

Xehed **Victor Agius** in kontro-ezami li qal li l-imputat kien agitat u beda jghid kliem dispregjattiv kontra s-Segreatrju Parlamentari. L-imputat baqa' diehel u hiereg mill-Ministeru u bdew jippruvaw jikkalmawh fejn wara ddecieda li jistartja l-karozza u jitlaq. Mistoqsi fuq il-kliem dispreggattiv ix-xhud qal hekk: *"..s-Sur Galea beda jallega li s-Segretarju Parlamentari ma kienx qed jaqdieh f'xi issue li hu kien talbu biex jintervjeni, that's all.*" Skont ix-xhud l-imputat kien aggressiv hafna ghaliex kien diehel u hiereg u ma kienx persuna fi stat seren. Zied li l-ghajjat u l-istorbju saru gewwa. Huwa kkonferma li fit-tieni incident li sehh barra huwa baqa' fil-*foyer* u dak li xehed jafu propju ghaliex ikkwota dak li qallu s-Segretarju Permanenti u d-*driver* tieghu.

Xehed ukoll l-imputat **Eugene Galea** li qal li kien jahdem mal-Animal Welfare ghal sena u nofs fejn qal li kien jisma' hafna affarijiet bhal li Godric Marsdon kien jghin biex jinqatlu l-annimali. Qal li kien hemm incident partikolari rigward kelb li rah huwa u Victor Tirchett. Dwar il-kelb ma ghamel xejn pero` mbaghad kien hemm incident iehor dwar *kittens* u ghamel rapport mal-Kummissajru tal-Annimali fejn qallu li l-Ispettur Ramon Mercieca ried ikellmu. L-imputat qal li kienu corma nies (Colin Kelly, Victor

Tirchett) u mhux hu biss li kienu marru jkellmu lil Ramon Mercieca. Qal li l-Ispettur qatt ma rega' baghat ghalih u l-imputat ipprova jsegwi l-kaz billi jcempel 'l hemm u 'l hawn u ghalhekk iddecieda jibghatlu *personal note* fuq *facebook*. Meta ra li dan kollu kien ghal xejn spicca mar l-OPM u certu wiehed jismu St. John qallu biex imur il-Ministeru. Mill-OPM mar il-Ministeru fejn qalulu li s-Sur Carbone mhuwiex ser ikellmu. Stqarr li hareg bis-suppervja u meta dahal fil-karozza ra lis-Segretarju Parlamentari Galdes jipparkja quddiem l-ufficini: *"Startjajt jien, waqaft hdejh, niftah it-tieqa, ghidtlu ser tmexxu kontra dawk il-kazi Sur Galdes, jew tibzghu minnhom? Dal-kliem ezatt, nahilfu fuq ruhi li qed nghid... ghidtlu ghax jekk qed tibzghu minnhom. Nurikom jien fejn kapaci nasal. Igifieri li naghmel rapport, rapport ridt nghid jien."* L-imputat sostna li baqa' fil-karozza bit-tieqa mnizzla u mhuwiex minnu li mar daqshekk vicin li ma setax johrog ghaliex fil-fatt is-Segretarju Parlamentari hareg mill-karozza tieghu fejn gie hdejn it-tieqa tal-imputat u qallu jekk hux ha jitkellmu mbaghad ra li kien hemm il-karozzi weqfin u qallu li ser jaghmel rapport l-Ghassa. L-imputat esebixxa ritratti fejn spjega li l-karozza tieghu kienet 'l boghod minn dik tas-Segretarju Parlamentari. Dawn ir-ritratti qal li gabhom minghand l-avukat Jason Grima. Wara qal li mar l-Ghassa

ta' Birkirkara biex jaghmel rapport. L-Ghassa qalulu biex jistenna ghaliex kienet gejja l-Ispettur Magri li qaltlu li huwa attaka lis-Sur Galdes. L-imputat qal li hemm hafna CCTVs hemmhekk u setghu jaraw jekk verament attakka lis-Sur Galdes. Wara gie arrestat u hadulu l-istqarrijiet. L-imputat enfasizza li huwa biss issemma' u gie akkuzat talli ghamel rapport falz izda l-kollegi l-ohra li kienu mieghu meta ghamlu rapport mal-Ispettur Mercieca ma gewx akkuzati bhalu. Huwa enfasizza wkoll li meta mar l-Ghassa ta' Birkirkara hadu notamenti bil-lapes u lanqas tawh widen u di fatti ma mexxewx fuq dak li rrapporta. Qal ukoll li waqt l-interrogazzjoni tieghu l-enfasi kienet fuq is-Sur Galdes u mhux ir-rapport li ghamel l-Ghassa ta' Birkirkara. Zied li huwa lest li jaghmel konfront ta' Godric Marsdon.

Inkontroezami l-imputat qal li huwa dahal il-Ministeru b'tonalita` iebsa izda mhux minnu li kien qed jghajjat u lanqas li offenda lil xi hadd jew tkellem hazin. Huwa kkonferma li l-messaggi ta' *facebook* esebiti a folio 26 huwa stess baghathom.

Xehed **Victor Tirchette** li qal li kien misluf l-Animal Welfare u li Godric Marsdon kien fuqhom. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu fuq

l-istqarrija tieghu esebita a fol. 93 et seq. Qal li jiftakar biss li kienu marru d-Depot pero` ma jiftakar xejn iktar ghax anki *stroke* f'rasu taghtu nel frattemp. Huwa qal li meta l-annimali jkunu fi stat gravissimu Godric Marsdon kellu l-awtorita` biex iraqqadhom. Huwa qal li Marsdon stess kien qalilhom li ghandu l-awtorita` biex jaghmel hekk. F'certu kazi kien ikun prezenti meta Marsdon raqqad annimal izda qatt ma kien partecipi. Qal li kien prezenti meta qabdu kelb fejn il-katamarann u ra lil Marsdon itihom *injection* pero`ma jafx x'tip ta' *injection* tahhom. Qal li kien hemm l-imputat ukoll prezenti u aktar nies pero` ma setax jiftakar min. Ma setax jiftakar jekk kienx loppju jew xi haga ohra ghaliex ix-xhud imbaghad mar fuq xoghol iehor. Mistoqsi jekk l-imputat oggezzjona ghal dan il-metodu u cioe` li l-kelb ituh *injection* qal li ma jafx ghaliex ma kienx ma' genbu dak il-hin.

Xehed **Colin Kelly** li kkonferma l-firma tieghu fuq l-istqarrija a fol. 91. Mistoqsi dwar l-incident li sehh hdejn il-katamarann ix-xhud qal li ma kienx prezenti. Zied li ma jaf xejn fuq dak il-kaz.

Xehed **Godric Marsdon** li qal li kien *officer in charge of animal welfare* u cioe` li jkun imqabbad mid-direttur generali ghax-

xoghol ta' kuljum tal-*animal welfare* u huwa jqassam ix-xoghol lin-nies. Mistoqsi dwar l-incident li sehh hdejn il-katamarann qal li kien hemm investigazzjoni mill-Ispettur Ramon Mercieca li damet sejra ghal tliet xhur u li nghalqet wara parir tal-Avukat Generali. Ghalhekk qal li mhux ser iwiegeb ghall-ebda domanda fuq dak l-incident. Fuq mistoqsija tal-Qorti x-xhud qal li huwa qatt ma kellu proceduri kontrih dwar dan l-incident. Ix-xhud gie muri l-istqarrija tieghu li kien irrilaxxa quddiem l-Ispettur Ramon Mercieca (a fol. 82 et seq) fejn ikkonferma l-firma tieghu u anki l-kontenut. Ix-xhud baqa' jghid li jikkonferma dak li qal fl-istqarrija tieghu. Mistoqsi ghal darba ohra fuq dak li gara hdejn il-katamarann qal li peress li l-annimali kienu aggressivi kellu jiddartjahom. Qal li kien loppju biss fejn wara ttiehdu l-Isptar San Frangisk. Qal li l-annimali kienu tlieta u tlieta marru lura u l-ebda wiehed ma traqqad. Huwa qal li l-imputat fl-ebda hin ma wera xi oggezzjoni da parti tieghu. Dwar l-imputat qal ukoll li huwa dejjem ried jibbulja lil kulhadd fejn sa anki hedded lid-Direttur billi qallu li ha jsallbu u baghat xi theddid fuq il-*mobile* lix-xhud stess.

Xehdet **Veronica Cachia** li qalet li taf lill-imputat ghax kien jahdem maghha l-*animal welfare*. Giet murija l-istqarrija taghha fejn qalet

li kien hemm zewgt iklieb marbutin u Godric iddartjahom ghaliex skont hu kienu perikoluzi. Ix-xhud sostniet li skont hi l-klieb ma dehrux perikoluzi. Tiftakar li kien hemm l-imputat prezenti u anki Colin Kelly. Ix-xhud ikkonfermat li l-imputat dak il-hin kien oggezzjona ghad-decizjoni ta' Godric Marsdon u ghat-trattament konsegwenzjali. L-imputat skont ix-xhud qal li l-klieb ma kinux perikoluzi u ma kienx hemm il-htiega li jitraqqdu. Fuq domanda kif irreagixxa Godric Marsdon qalet: "*ovjament qabad jidghi. .. beda jirrabja u xorta ghaddiet tieghu li l-klieb traqdu*." Hi wkoll espremiet l-oggezzjoni taghha. Ziedet li din ma kinitx l-unika okkazjoni fejn is-Sur Marsdon gab ruhu b'dan il-mod, tant hu hekk illi kienet l-inizjattiva tieghu stess li jraqqadhom l-annimali u ma kellux l-awtorita` li jaghmel dan ghaliex biex traqqad annimal trid tkun veterinarju. Qablet ukoll mad-difiza li s-Sur Marsdon kien iraqqad l-annimali anki mir-residenza tieghu. Qalet li s-Sur Marsdon kien *officer* bhalhom izda kien minghalih li hu kien il-*manager* u li jghid hu jrid isir. Ziedet li l-imputat ma kienx joqghod ghall-agir ta' Marsdon u kien jopponi ghalih f'sens tajjeb izda Marsdon kien jaqbad jghajjat u jidghi sakemm tghaddi tieghu. Marsdon kien anki jhedded lill-imputat billi jghidlu li ser jitkecca minn mal-*animal welfare*. Ikkonkludiet billi qalet li Marsdon

127ippretenda li kulhadd joqghod ghalih, tajjeb jew hazin, u jekk ma taqbilx mieghu jispicca jiggieled mieghek u jheddek. Hi wkoll kellha xi tghid ma' Marsdon ghaliex ma qablitx mieghu fuq certu affarijiet dwar l-annimali.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tibda billi tirrimarka illi waqt l-andament tal-provi tal-Prosekuzzjoni, l-Onorevoli Roderick Galdes fuq il-pedana tax-xhieda qal: "*... nixtieq li l-kaz ma jitkompliex fil-konfront tieghu wkoll.*" Tenut kont li l-akkuzi li jirrigwardaw l-Onorevoli Roderick Galdes huma rinunzjabbli da parte tal-kwerelant u tenut kont tar-rinunzja li huwa stess ghamel fuq il-pedana tax-xhieda, il-Qorti mhijiex ser tidhol fl-akkuzi li propju jirrigwardaw il-kwerelant l-Onorevoli Roderick Galdes, u ghalhekk tiddikajra l-procediment ezawrit fir-rigward tal-akkuzi wahda (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) (relatati mal-akkuzi li allegatament sehhew fil-5 ta'

Gunju 2013 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar gewwa Triq il-Kbira, San Guzepp).

Illi ghar-rigward tal-ewwel (1) akkuza, u cioe` l-uzu mhux xieraq ta' *computer* (relatata ghall-akkuzi li allegatament sehhew bejn ix-xhur ta' April 2013 u Mejju 2013 x'imkien f'dawn il-Gzejjer), il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova regina f'dan ir-rigward. Illi di fatti ma tezisti l-ebda prova fl-atti processwali li tindika li l-messaggi inkwistjoni verament intbaghtu mill-*computer* tal-imputat. L-ebda espert ma ntalab sabiex jivverifika dan u ghalhekk semplici *printout* ta' messagg ma jikkostitwixxix prova sodisfacenti li twassal ghall-konvinciment ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali li kien verament l-imputat li baghat dak il-messagg u li allura l-imputat ikun ghamel uzu mhux dovut ta' *computer.* Huwa minnu li f'hin minnhom l-imputat waqt it-testimonjanza tieghu qal li huwa baghat xi messaggi pero` l-oneru tal-prova tispetta lill-Prosekuzzjoni u mhux lill-imputat innifsu.

Ghar-rigward it-tieni (2) akkuza dedotta kontra l-imputat (relatata ghall-akkuzi li allegatament sehhew bejn ix-xhur ta' April 2013 u Mejju 2013 x'imkien f'dawn il-Gzejjer), il-Qorti ezaminat il-messagg esebit bhala Dokument RM16 (a folio 99 tal-atti

processwali) liema messagg allegatament intbaghat mill-imputat lill-Ispettur Ramon Mercieca. Ghal darb'ohra hawnhekk il-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova tal-origini ta' dan il-messagg u ghalhekk il-Qorti ma tistax tkun konvinta oltre d-dubju dettat mir-raguni li dan il-messagg verament intbaghat mill-imputat. Xorta wahda anki jekk ghall-grazzja tal-argument il-Prosekuzzjoni resqet prova f'dan is-sens, il-Qorti xorta hija tal-fehma li l-kontenut ta' Dokument RM16 fl-ebda hin ma jnaqqas il-gieh tal-Ispettur Ramon Mercieca u wisq anqas ta' Mr. Joe Vella li huwa msemmi fl-akkuza kif dedotta kontra l-imputat pero` li ma jaffigura mkien fil-messagg li allegatament intbaghat mill-imputat lill-Ispettur Mercieca.

Illi l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi (relatati ghall-akkuzi li allegatament sehhew nhar il-5 ta' Gunju gewwa l-Ghassa ta' Birkirkara), jirrigwardaw l-Artikolu 110(2) u 110(1) tal-Kodici Kriminali. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghal dak pronunzjat mill-Qorti tal-Minorreni fil-kawza *Il-Pulizija vs Julian Cutajar* (moghtija fil-31 ta' Mejju 2017) fejn iben l-imputat gie addebitat bir-reat kontemplat fl-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'din is-sentenza l-Qorti ghamlet distinzjoni bejn

ir-reat ta’ kalunja u r-reat ta’ simulazzjoni fejn gie wkoll ikkowotat il-Professur Mamo li qal: *“This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged…. Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation.”*

Illi fil-kaz odjern, milli jidher mill-PIRS report 1879/2013 (esebit bhala Dok. SM2 a fol. 10 tal-process) l-imputat kien ghamel rapport mal-Pulizija Ezekuttiva specifikament fuq zewg persuni: J.J. Vella u Godric Marsdon u ghalhekk gjaladarba l-imputat semma’ persuna determinata r-reat ta’ simulazzjoni certament ma jistax jirrizulta.

Illi ghalhekk il-Qorti ser tillimita ruha ghar-raba’(4) akkuza (relatata ghall-akkuzi li allegatament sehhew nhar il-5 ta’ Gunju gewwa l-Ghassa ta’ Birkirkara) li jirrigwarda l-Artikolu 110(1) u cioe` r-reat ta’ kalunja. Hawnhekk ghal darb’ohra jidher li l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-ahjar prova tant li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova r-reat li allegatament l-

imputat holoq u kif l-imputat ghamel dan. Il-Qorti m'ghandha l-ebda prova quddiemha dwar il-holqien qarrieqi ta' provi foloz tant li hemm mankanza totali f'dan l-aspett. Il-fatt li l-imputat ghamel allegazzjonijiet mhuwiex bizzejjed sabiex jissussisti l-kalunja. Kull persuna ghandha dritt taghmel rapport mal-Pulizija Ezekuttiva kif tra l'altro ghamel l-imputat, izda ma hemm l-ebda prova li tikkonvinci l-Qorti li b'dak li ghamel l-imputat holoq fatti b'qerq, cirkostanzi jew provi foloz.

Illi ghar-rigward is-sitt (6) akkuza (relatata mal-akkuzi li sehhew fil-5 ta' Gunju 2013 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar gewwa Triq il-Kbira, San Guzepp), u cioe` fejn l-imputat gie mixli li saq il-vettura tieghu bi traskuragni jew b'mod perikoluz, jidher li ma hemm l-ebda evidenza konkreta f'dan is-sens. Il-fatt li l-Onorevoli Roderick Galdes xehed li l-imputat kien qed izomm it-traffiku meta fl-i*stills* esebiti mill-espert fl-ebda hin ma tirrizulta li hemm karozza wieqfa f'nofs it-triq johloq dubju serju jekk l-imputat verament kienx qed isuq b'mod perikoluz.

Illi rigward is-seba' (7) akkuza (relatata mal-akkuzi li allegatament sehhew fil-5 ta' Gunju 2013 ghall-habta tas-siegha ta' wara

nofsinhar gewwa Triq il-Kbira, San Guzepp), il-Qorti tqis li hemm provi bizzejjed sabiex l-imputat jinsab hati talli kiser il-paci pubblika u dan ghaliex xehdu diversi persuni fejn qalu li meta l-imputat dahal il-Ministeru huwa kien qed jghajjat u kien jidher agitat. L-imputat stess qal inkontroezami li huwa dahal il-Ministeru "*b'tonalita ` iebsa*".

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Eugene Galea hati tas-seba' (7) akkuza (relatata mal-akkuzi li jirrelataw ghall-5 ta' Gunju 2013 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar gewwa Triq il-Kbira, San Guzepp) u tikkundannah ghall-piena ta' tletin ewro ammenda (€30), filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) akkuzi (relatati ghall-akkuzi li jirrelataw ghall-perjodu bejn ix-xhur ta' April 2013 u Mejju 2013 x'imkien f'dawn il-Gzejjer), mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) akkuzi (relatata mal-akkuzi li jirrelataw ghall-5 ta' Gunju gewwa l-Ghassa ta' Birkirkara) u mis-sitt (6) akkuza (relatata ghall-akkuzi li jirrelataw ghall-5 ta' Gunju 2013 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar gewwa Triq il-Kbira San Guzepp) fuq nuqqas ta' provi filwaqt li tiddikjara l-procediment ezawrit ghar-rigward l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba'

(4) u l-hames (5) akkuzi (relatati mal-akkuzi li li jirrelataw ghall-5 ta' Gunju 2013 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar gewwa Triq il-Kbira, San Guzepp) stante rinunzja da parti tal-kwerelant.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**